III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 339/15/COL

tas-16 ta' Settembru 2015

li tawtorizza lin-Norveġja biex tidderoga minn ċerti regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, kif emendat) [2016/1812]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 14(6) u (7) tal-Att imsemmi fil-punt 66n tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jemenda l-Anness XIII (Ttrasport) mal-Ftehim ŻEE ([1]) (Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([2]), kif emendat),

Wara li kkunsidrat il-punt CAT.POL.A.210(b)(2), (4) u (5) tal-Anness IV għall-Att imsemmi fil-punt 66nf tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), kif emendat),

it-tnejn kif adattati għall-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA mogħtija fil-21 ta' Awwissu 2015,

Billi:

(1) In-Norveġja talbet li tapplika ċerta deroga mir-regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili inklużi fir-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(2) F'konformita mal-Artikolu 14(7) ta' dak ir-Regolament, kif adattat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA evalwat il-ħtieġa għad-deroga mitluba, u l-livell ta' protezzjoni li joħroġ minnha, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni maħruġa fis-26 ta' Ġunju 2015 (Dok Nru 762327). L-Awtorità tikkonkludi, fuq il-bażi ta' miżuri ta' mitigazzjoni deskritti fin-notifika tan-Norveġja, li d-deroga notifikata Norveġiża, tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(3) F'konformita mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, deroga mogħtija lil Stat Membru wieħed għandha tkun notifikata lill-Istati Membri kollha, li għandhom ikunu intitolati wkoll li japplikaw dik id-deroga.

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 51.
([2]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 163/2011 u l-adattament (a) stabbilit fil-punt 3 tal-Anness tagħha, it-terminu "Stat(i) Membru/i" għandu jinftiehem li qed jinkludi, b'żieda mat-tifsira tiegħu fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA.

(5) Id-deskrizzjoni tad-deroga, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta magħha, għandhom ikunu tali li jippermettu lil Stati tal-EFTA oħra fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattati, li japplikaw dik il-miżura meta dawn isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni ulterjuri mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Madankollu, l-Istati tal-EFTA skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat, għandhom jinnotifikaw l-applikazzjoni tad-derogi lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, peress li jista' jkollhom effetti barra minn dak l-Istat.

(6) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 163/2011 u l-adattament (e) stipulat fil-punt 3 tal-Anness tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika l-informazzjoni dwar deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li waslet mingħand l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE.

(7) Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi notifikata lill-Istati kollha tal-EFTA, u lill-Kummissjoni Ewropea biex tiġi kkomunikata lill-Istati Membri tal-UE.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-Norveġja tista' tagħti approvazzjonijiet li jidderogaw minn ċerti regoli ta' implimentazzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, sakemm ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Istati kollha tal-EFTA jkunu intitolati japplikaw l-istess miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u suġġett għall-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif adattat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lin-Norveġja. Hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi nnotifikata lin-Norveġja, lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein, u lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Helga JÓNSDÓTTIR
Membru tal-Kulleġġ

Markus SCHNEIDER
Aġent Direttur

ANNESS

DEROGA TAN-NORVEĠJA GĦAR-REGOLAMENT (UE) Nru 965/2012 FIR-RIGWARD TAT-TNEĦĦIJA TA' OSTAKLI WAQT IT-TLUGĦ TAL-AJRUPLANI F'MO I RANA (ENRA) U ØRSTA-VOLDA (ENOV)

1. **Deskrizzjoni tad-deroga**

In-Norveġja tista', b'deroga mill-punt CAT.POL.A.210(b)(2), (4) u (5) (Tneħħija tal-ostakli waqt it-tlugħ tal-ajruplani) tal-Anness IV (il-Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 ([1]), kif emendat, tippermetti lill-operatur tal-ajru Widerøe Flyveselskap AS juża sa 25 grad angolu ta' inklinazzjoni laterali minn għoli minimu ta' 100 pied u 400 pied għall-inġenji tal-ajru Bombardier Dash 8 tagħhom għal operazzjonijiet f'żewġ ajruporti differenti, Mo i Rana (ENRA) u Ørsta-Volda (ENOV).

2. **Kundizzjonijiet marbuta mal-applikazzjoni tad-deroga**

Din id-deroga tapplika għall-operatur tal-ajru Widerøe Flyveselskap AS fuq il-bażi tal-miżuri addizzjonali implimentati mill-operatur tal-ajru biex jinkiseb livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak milħuq permezz tal-applikazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 965/2012 kif emendat. Il-miżuri addizzjonali huma deskritti fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, datata s-26 ta' Ġunju 2015 (Dok Nru 762327) u jirrigwardaw: it-taħriġ inizjali u t-taħriġ rikorrenti tal-piloti, ir-rekwiżiti ta' familjarizzazzjoni għall-ekwipaġġ, l-għajnuniet viżivi biex jiggwidaw id-dawriet u d-dwal għall-ostakli, ir-restrizzjonijiet tat-temp, ir-restrizzjonijiet tat-tip tal-fluwidu kontra l-ġelu, is-Suppliment 47 tal-AFM ([2]) li jkopri l-proċeduri operattivi u l-kwistjonijiet ta' prestazzjoni, l-użu tas-setting tal-flaps għal tluq uniku (15-il grad) biex jiġi evitat tluq żbaljat tas-setting tal-flaps, l-użu ta' programm ta' Monitoraġġ ta' Dejta tat-Titjir għall-monitoraġġ tal-angolu inizjali ta' tlugħ l-użu ta' programm ta' monitoraġġ tal-konformità li jinkludi verifiki annwali tad-dipartiment tal-prestazzjoni u t-taħriġ, barra minn hekk, il-programm ta' sorveljanza kontinwa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Norveġja jqis l-elementi ta' mitigazzjoni u t-termini ta' approvazzjoni tal-operatur tal-ajru Widerøe Flyveselskap AS.

([1]) L-Att imsemmi fil-punt 66nf tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament (UE) Nru 965/2012), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu.

([2]) Manwal Suppliment għat-Titjiriet 47 De Havilland Inc. Dash 8: "Operazzjoni b'25 grad angolu ta' inklinazzjoni laterali (Għall-operaturi Norveġiżi biss)".